DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 152569** **17.11.2015**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-iSpeaker jiffirma l-ktieb tal-kondoljanzi fl-Ambaxxata tar-Repubblika ta' Franza***

L-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia, dalgħodu ffirma l-ktieb tal-kondoljanzi fl-Ambaxxata tar-Repubblika ta' Franza li nfetaħ b'rispett lejn il-vittmi tat-traġedja ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru.

Fil-messaġġ tiegħu l-iSpeaker esprima s-sogħba tiegħu għat-telfa tal-vittmi u estenda l-kondoljanzi tiegħu u tal-Kamra tad-Deputati lill-familjari tal-vittmi, filwaqt li saħaq li dan huwa mument fejn Franza għandha tgħaqqad l-Ewropa u d-dinja.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt